MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Numru 28/2003

**Ir-Repubblika ta Malta**
**Vs**
**Norman Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 28 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Norman Bezzina, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed, l-ahwa Laurence Gatt, li allura ma kellux okkupazzjoni u kien jirregistra, u Antonio Gatt, li kien impjegat fil-Freeport, kienu saru midhla sew ta' *Norman Bezzina*, maghruf bhala Ta' Cekcek u li kien jiggestixxi hanut tal-hwejjeg, Simon Xuereb u Manwel Gauci. Gie z-zmien li lkoll waslu sabiex thajjru u ftehemu li jikkumbinaw bicca xoghol li minnha jaghmlu kemxa flus. Din il-bicca xoghol waqghet fuq id-droga, u cioe' li jdahhlu

f'Malta kwantita' kbira ta' kokajina bil-ghan li mbaghad tigi traffikata lokalment.

Il-mezzi ikkumbinati u miftehma bejniethom, ghall-ewwel b'mod generali, kienu jikkonsistu li jorganizzaw u jirrangaw ghad-dhul f'Malta ta' kwantita' ta' kokajina b'mod li ghalkemm tiddahhal materjalment f'Malta, tiddahhal permezz tal-posta u b'mod li hadd minnhom ma jinvolvi ruhu personalment.

Maz-zmien, u cioe' ghall-habta ta' l-ahhar ta' Marzu tas-sena 2001, l-ahwa Gatt, anke bi ftehim ma' *Norman Bezzina*, kellhom juzaw l-intervent u l-assistenza ta' kuntatti taghhom li, direttament u indirettament, kellhom influwenza u awtorita' fi hdan il-Maltapost u fid-Dwana. Fil-fatt hekk gara.

Kien l-istess Laurence Gatt li, kif miftiehem mas-socji l-ohra tieghu, avvicina, hajjar u ottjena l-accettazzjoni ta' Carmel Cassar, burdnar, Mark Cassar, li kien jahdem fil-Customs Clearance, u Ruben Scicluna, li kien jahdem il-Maltapost, f'din l-assocjazzjoni li kienet nibtet aktar qabel bejn numru izghar ta' persuni.

Di fatti, dawn is-socji kollha issa ipperfezzjonaw u organizzaw il-mezzi li bihom kull wiehed minnhom kellu jimxi rispettivament. Appena d-droga tkun dahlet Malta taht deskrizzjoni falza permezz tal-posta u indirizzata lil persuna fittizja (mezz dan, ikkumbinat u miftiehem bejn *Norman Bezzina* u l-ahwa Gatt), l-istess droga kellha taghmel tragitt lokalment, tghaddi minn id ghal id tal-imsemmija socji, sakemm tispicca fid-destinazzjoni finali taghha.

Din l-assocjazzjoni, issa akbar minn qatt qabel, ghaddiet u dahlet fl-esekuzzjoni u twettiq tal-pjan miftiehem bil-mezzi hekk ikkumbinati bejniethom ghall-importazzjoni tad-droga f'Malta, sakemm dan il-pjan u realizzazzjoni gew sfrattati tempestivament mill-Pulizija Maltija kif jinghad fil-kap li jigi immedjatament wara dan.

Illi b'ghemilu l-imsemmi *Norman Bezzina* sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi *Norman Bezzina* hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-Artikoli 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap, illi lejn l-ahhar ta' Marzu tas-sena 2001, il-Pulizija Maltija kienet wasletilha informazzjoni li pakkett suspettuz kien intbaghat f'indirizz il-Marsa.

Fil-fatt, dak il-pakkett, kontenenti cirka kilo kokajina, kien indirizzat lil certu Joe Portelli ta' 2, Clan Stable Lane, Racecourse Street, Marsa, Malta, Europe. Kien wasal Malta mill-Kanada mal-Posta fis-sitta u ghoxrin ta' Marzu 2001. Fl-apparenza, kien jidher li l-pakkett kien intbaghat

minn certu Norman Borg (izda fil-fatt minn *Norman Bezzina*) minn Toronto, Ontario, il-Kanada.

Ghalhekk, il-Pulizija Maltija, bl-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, irrangat sabiex issir konsenja ikkontrollata ta' droga bil-ghan li jigu identifikati il-persuni involuti fl-eghmil ta' reati. Konsegwentament, il-pakkett tad-droga inzamm taht sorveljanza stretta mill-Pulizija fil-vicinanzi tal-fergha tal-posta tal-Hamrun. Ukoll, fil-wiehed u tletin ta' Marzu, 2001, il-pakkett originali tad-droga inbidel ma' iehor, simili fid-dehra esterna tieghu, u anke fil-piz.

Fit-tlieta u ghoxrin ta' April tat-2001, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu, Ruben Scicluna, impjegat mal-Maltapost bhala xufier, mar il-fergha tal-Posta tal-Hamrun u ipprezenta l-Avviz ghall-kunsinna ta' pakk, mahrug mill-Maltapost, u li kien jirrigwarda l-pakkett in kwistjoni. L-istess pakkett gie mghoddi lil Ruben Scicluna mill-Ufficjali tal-Maltapost taht is-sorveljanza u l-ordnijiet tal-Pulizija.

Hin wara, Ruben Scicluna gie mwaqqaf mill-Pulizija fl-inhawi ta' Hal-Qormi. Gie stabilit li Scicluna kien miftiehem ma' Charles Cassar sabiex l-istess Ruben Scicluna jirtira l-pakkett li kien jaf li kien jikkontjeni xi droga.

Ruben Scicluna cempel lil Carmel sive Charles Cassar, fejn gharrfu li l-pakkett bid-droga kien jinsab f'idejh. Huma ftehemu li l-pakkett ibiddel l-idejn fil-parking area tat-terminal l-antik tal-ajruport ta' Hal-Luqa. Carmel Cassar informa lil Scicluna li min-naha tieghu kien ser jibghat lit-tifel tieghu, Mark Cassar, sabiex jiehu l-pakkett bid-droga.

Ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghodu ta' nhar it-23 ta' April, 2001, hekk kif il-van tal-Maltapost misjuq minn Ruben Scicluna stess, u li fih kien hemm mohbija zewg ufficjali tal-Pulizija, wasal fil-post imsemmi, huwa gie avvicinat minn Mark Cassar, li gabar il-pakkett u ghadda xi flus lil Ruben Scicluna.

Wara li Scicluna halla l-post, Mark Cassar li kien fuq il-post fil-presenza ta' huh Jonathan Cassar, ghadda l-istess pakkett bid-droga lil persuna ohra li kien qieghed jistenna b'vettura Hyundai Accent ta' kulur ahdar u bin-numru ta' registrazzjoni AAA-205, fl-istess parking area, pero' ftit tad-distanza il-boghod.

Hekk kif dina l-vettura kienet ser thalli l-post, giet intercettata mill-Pulizija u l-pakkett bid-droga sostitwit instab fil-booth ta' wara tal-vettura tieghu. Il-persuna li kien fil-vettura, u misjuqa minnu, kienet Anthony Gatt li allura ukoll gie arrestat. Irrizulta li Anthony Gatt kien gie mibghut minn Laurence Gatt. Di fatti, kien aktar kmieni dakinhar li fil-Pjazza ta' Rahal Gdid, Antonio Gatt gie avvicinat minn huh Laurence li tah karta ta' avviz, liema karta Laurence Gatt kien ircevieha minghand *Norman Bezzina.* Kien Laurence li kien miftiehem ma' Antonio, bl-insistenza u accettazzjoni ta' *Norman Bezzina,* sabiex dana jaghmel mezz u johrog il-pakkett bid-droga f'Malta mill-posta. Fil-fatt ukoll, Laurence Gatt kienet il-persuna li finalment il-pakkett bid-droga kellu jispicca f'idejha.

Irid jinghad li fl-isfond ta' dan kollu, l-involviment ta' *Norman Bezzina* kien strumentali fl-importazzjoni tad-droga, propju minhabba li kien huwa li xjentement irranga sabiex Simon Xuereb jippresta l-uzu tal-kaxxa postali tieghu lil Laurence Gatt u lill-istess Bezzina, sabiex dana tal-ahhar, fil-perjodu li jkun appozitament il-Kanada, ikun jista' jibghat il-pakkett bid-droga lejn Malta minghajr ma jkun qieghed igorru personalment, u b'mod li d-destinatarju tal-pakkett tkun persuna fittizja mentri fil-fatt ikun l-istess Simon Xuereb, bhala mandatarju ta' *Norman Bezzina,* li jibda u jiffacilita l-process tal-importazzjoni tad-droga.

Din il-bicca xoghol kienet ga' grat bl-istess mod fi Frar tas-sena 2001, u tal-involviment u prestazzjoni tieghu, Xuereb kien irceva minghand *Norman Bezzina* cirka tlett elef Lira Maltin bhala kumpens.

Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini

Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u *Norman Bezzina* ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b-eghmilu l-imsemmi *Norman Bezzina* sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil *Norman Bezzina,* hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobblu ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

3) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet u l-Ahhar Kap, illi bejn il-31 ta' Marzu u t-23 ta' April tas-sena 2001, mill-mument li *Norman Bezzina,* Laurence u Antonio ahwa Gatt, Ruben

Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar, flimkien ma' persuni ohra, kienu fil-process li jirrangaw ghall-importazzjoni ta' cirka kilo kokajina f'Malta, u fl-istadji differenti u hinijiet differenti li l-pakkett bid-droga kien qieghed jghaddi minn id ghal id ta' kull wiehed minnhom, kollha kemm huma kienu, f'dawn l-istadji u hinijiet differenti, fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina.

Kull wiehed minnhom kien allura fil-pussess xjenti tal-kokajina f'cirkostanzi li manifestament juru li dak il-pussess qatt ma kien ghall-uzu esklussiv ta' xi hadd minnhom.

Is-sustanza kokajina hija ikkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u *Norman Bezzina* ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi *Norman Bezzina* sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu il-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta huwa ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil *Norman Bezzina,* hati ta' pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal- Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta huwa ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm

1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Norman Bezzina tat-30 ta' Dicembru, 2003, li biha eccepixxa illi:-
" illi t-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza huwa null u bla effett fil-ligi peress illi l-fatti hemm esposti ma jikkostitwux l-akkuza hemm addebitata u f' kull sens ma hemmx ness bejn il-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja."

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-Difiza fil-kors tas-seduta tal-14 t' April, 2004 ;

Rat in-nota ta' referenzi tal-Avukat Generali tas-16 t' April, 2004 ;

Rat in-nota tad-difiza tas-26 t' April, 2004

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari;

Ikkonsidrat ;

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-akkuzat issottometta li hemm difett fit-tielet kap tal-att tal-akkuza ghaliex "ex admissis" il-prosekuzzjoni kienet qed tghid li f' dan il-kaz qatt ma kien hemm pussess fiziku u f' dan il-kaz id-droga qatt ma kienet fl-isfera tal-kontroll tal-akkuzat fis-sens legali . Biex ikun hemm il-pussess kostruttiv irid ikun hemm mhux biss ix-xjenza imma anki l-kontroll .

Illi l-Proskuzzjoni ddikjarat li f' dan il-kap hija ma kienetx qed torbot fuq il-pussess fiziku li kellu l-akkuzat tad-droga in kwistjoni fil-Kanada izda fuq il-pussess kostruttiv ghax id-droga kienet qed tghaddi minn id ghal id fuq istruzzjonijiet tal-akkuzat . Dan it-tip ta' pussess kostruttiv kien il-pussess f' termini legali li trid il-ligi.

Ikkonsidrat ;

Illi mill-ezami akkurat tat-tielet kap tal-att ta' l-akkuza li jirrigwarda r-reat ta' pussess tal-medicina perikoluza kokaina , liema pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu , jidher li l-Avukat Generali beda biex fil-parti narrattiva tieghu jippremetti li l-akkuzat flimkien ma hames persuni ohra imsemmija b'isimhom u xi persuni ohra mhux imsemmija , kienu fil-process li jirrangaw ghall-importazzjoni ta' circa kilo' kokajina f' Malta . Ikompli jghid li fl-istadji differenti w hinijiet differenti li dan il-pakkett bid-droga kien qieghed jghaddi minn id ghal id ta' kull wiehed minnhom, kollha kemm huma kienu , f' dawk l-istadji u hinijiet differenti , fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina .

Dan il-Kap ta l-att ta' l-akkuza ikompli jghid li kull wiehed minnhom kien allura fil-pussess xjenti tal-kokajina f' cirkostanzi li manifestament juru li dak il-pussess qatt ma kien ghall-uzu esklussiv ta' xi hadd minnhom.

Umbaghad ikompli jippremetti li s-sustanza kokajina hija kontrollata bil-ligi taht il-Kapitolu 101 u li l-akkuzat Norman Bezzina ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija licenzja .

Wara umbaghad jghaddi biex jghid taht l-intestatura "Konsegwenzi" li b'eghmilu l-akkuzat Norman Bezzina sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu il-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta huwa ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun

fil-pussess tal-imsemmija sustanza w b'dan li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu .

Umbaghad jghaddi biex jakkuza lill-Norman Bezzina proprju b'dar-reat billi jirrepeti testwalment id-dicitura uzata fil-paragrafu precedenti u finalment jitlob il-piena indikata.

Ikkonsidrat ;

Illi eccezzjoni preliminari ta' nullita' ta' kap ta' att ta' akkuza identiku ghall-dan in ezami gja giet deciza minn din il-Qorti bis-sentenza taghha fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et.**" [6.12.2002] , konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2003 , f' kawza li tikkoncerna persuni ohra akkuzata bl-istess reati li bihom hu akkuzat l-akkuzat Bezzina. Meta cahdet tali eccezzjoni din il-Qorti kienet irriteniet li :-

*".. din l-eccezzjoni tidher li hija akkampata fuq l-art.449 (1) (b) u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-istess Artikolu tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixxi , fis-sustanza , r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att." Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din "jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza , r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f'dak il-kap ." (Ara. Sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza* ***"Republika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue"*** *[Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996."*

*"Umbaghad f'dik l-istess sentenza fejn giet citata gurisprudenza kopjuza hafna intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja , il-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri . "*

*“Igifieri l-mankanza li twassal biex jigi annullat xi kap partikolari fl-att tal-akkuza trid tkun f’dak il-kap li jkun qed jigi impunjat u mhux ghax il-parti espositTiva f’dak il-kap tkun tikkozza mall-parti espositTiva f’xi kap iehor kif qed jippretendi li ghandu jsir l-akkuzat f’dan il-kaz.”*

*“Issa minn ezami tal-parti espositTiva tat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuza li l-akkuzat qed jimpunja jidher li l-Avukat Generali qed jghid car u tond li “fl-istadji u hinijiet differenti li l-pakkett bid-droga kien qieghed jghaddi minn id ghal id ta’* ***kull wiehed minnhom , kollha kemm huma kienu , f’dawk l-istadji u hinijiet differenti , fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina “ u “Kull wiehed minnhom kien allura fil-pussess xjenti tal-kokajina f’cirkostanzi li manifestament juru li dak il-pussess qatt ma kien ghall-uzu esklussiv ta’ xi hadd minnhom.“*** *(emfasi ta’ din il-Qorti).”*

*“Illi ma hemmx dubju li kif esposti , il-fatti fit-tielet kap - dejjem jekk jirrizultaw pruvati fl-istadju tas-smiegh tal-provi quddiem il-gurati - jistghu jwasslu ghall-kundanna mitluba fl-istess Kap . Insomma bla dubju ta’ xejn jezisti bejn il-parti espositTiva tat-tielet kap u l-parti akkuzatorja tieghu dak in-ness li trid il-ligi u li l-gurisprudenza tghid li hu rekwizit mehtieg biex l-att tal-Akkuza ma jkunx monk u null. (ara.* ***Rex. vs G.C.B. et altri”*** *- 8.3.05 Vol. XIX; iv. p18)”*

*“Jekk umbaghad quddiem il-gurati il-Prosekuzzjoni jirmexxilix tipprova ghall-konvinciment morali taghhom u bla ma thalli dubju dettat mir-raguni li tali pussess , sija materjali , jew taht forma ta’ kontroll effettiv fuq id-droga in kwistjoni , kif interpretat mill-gurisprudenza nostrana (Ara. App. Krim.* ***“Pulizija vs. John Borg” 23.6.97 u hafna ohrajn)*** *, u kif allegat fil-parti espositTiva tat-tielet Kap , dik hija haga ohra li jridu jiddecieduha l-gurati w hadd aktar , wara li tigi spjegata lilhom il-ligi in materia mill-Imhallef li jkun ser jippresjedi l-guri u din il-Qorti la ghandha u lanqas tista’ tidhol fiha f’dan l-istadju tal-proceduri . “*

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 589 tal-Kap. 9 jghid li l-Att t' akkuza jsir f'isem ir-Republika ta' Malta u ghandu :-

a) isemmi l-Qorti li jingieb quddiema;
b) jaghti car il-partikolaritajiet tal-akkuzat ;
c) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat , bil-partikolaritajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar , flimkien mac-cirkostanzi kollha li , skond il-ligi w fil-fehma tal-Avukat Generali jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u
d) jispicca b'gabra fil-qosor li fiha l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi , w bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u sabiex l-istess akkuzat jigi kundannat ghall-piena stabilita (hawn jinghid l-artikolu tal-ligi li jikkomprendi r-reat) jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat **.**

Illi gie ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t' akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m'ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza , izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati . F'**"Rex. vs. Strickland** " [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-

*"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio , non altrimenti rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell'atto di accusa , tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso , indipendentemente dal merito e delle prove."*

Issa fil-kaz in ezami ma qed tigi allegata ebda karenza fit-tielet kap tal-att tal-akkuza ghal dak li jirrigwarda r-rekwiziti imsemmija fis-sub-incizi (a) (b) u (d) u ghalhekk ir-ricerka

ghal xi difett f' dan il-kap trid tikkoncerna bil-fors ir-rekwizit imsemmi fis-subinciz (c) tal-artikolu 589.

Issa Dr. Mark Said ghall-Prosekuzzjoni ddikjara fil-kors tat-trattazzjoni orali li b' pussess ghall-fini ta' dan il-kap ma kienx qed jirriferi ghall-pussess fiziku li l-akkuzat Norman Bezzina qed jigi allegat li kellu tal-medicina perikoluza in kwistjoni meta kien allegatament spediha mill-Kanada , kif imsemmi f' kap iehor tal-att ta' l-akkuza , imma ghall-pussess kostruttiv u cioe' ta' dak li xjentement ikollu medicina perikoluza taht il-kontroll tieghu bla awtorizzazzjoni jew permess , anki jekk din ma tkunx materjalment f' idejh.

Illi kif intqal fuq, hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li li l-***pussess*** ghall-fini tar-reati taht il-Kap.101 ma jfissirx  necessarjament li xi haga tkun materjalment f' idejn dak li jkun jew fuqu imma wiehed jista' jkollu kontroll ta' xi haga anki jekk dik ix-xi haga ma tkunx materjalment f' idejh . L-importanti hu li dak li jkun ghandu xi forma ta' kontroll fuq dik il-haga , f' dan il-kaz il-medicina perikoluza. S'intendi umbaghad hemm l-element li dan il-pussess kif fuq definit ikun wiehed xjenti w cioe' li wiehed ikun jaf bl-ezistenza ta' dak l-oggett u li jkun jaf li dak l-oggett hu droga.

S'intendi f' kull  kaz, fejn il-kawza tinstema' quddiem din il-Qorti komposta mill-guri, ovvjament ikun jispetta lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jispjega lill-gurati x' forom jista' jiehu l-pussess kontemplat f' dar-reat u li dan jista' jkun kemm fiziku kif ukoll wiehed kostruttiv , pero' dan ikun spjegazzjoni tal-ligi u tal-interpretazzjoni taghha w mhux il-fatti li jikkostitwixxu r-reat  li necessarjament iridu jissemmew fl-att ta' l-akkuza .

Konsegwentement  id-decizjoni dwar il-mertu dwar jekk hemmx pussess jew le tispetta lil min irid jiggudika fuq il-fatt u cioe' l-gurati , wara li l-ligi u l-interpretazzjoni taghha tigi hekk spjegata lilhom , partikolarment fl-istadju tal-indirizz.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemmx ghalfejn li fil-parti narrattiva tat-tielet kap l-Avukat Generali joqghod jelabora fuq l-interpretazzjoni tal-kuncett tal-pussess u fuq l-interpretazzjoni tal-ligi . Bizzejjed li hu jelenka l-fatti li jikkostitwixxu r-reat. Jekk dawk il-fatti umbaghad jigux pruvati ghas-sodisfazzjoni tal-guri hija kwistjoni ohra u jekk dawk il-fatti jinkwadrawx ruhom taht ir-reat in dizamina jeddeciduh huma wara li jkollhom il-beneficcju tal-ispjegazzjoni w interpretazzjoni tal-ligi mill-Imhallef togat.

Issa fl-ewwel paragrafu tat-tielet kap l-Avukat Generali jghid li l-akkuzat u persuni ohra hemm indikatri kienu fil-process li jirrangaw ghall-importazzjoni ta’ circa kilo kokajina f’ Malta . Jghid ukoll li fl-istadji differenti li din il-kokajina kienet qed tghaddi minn id ghal id ta’ kull wiehed minnhom , kollha kemm huma f’ dawk l-istadji kienu fil-pussess xjenti tal-istess kokajina . Ikompli jghid li c-cirkostanzi kienu manifestament juru li dan il-pussess xjenti qatt ma kien ghall-uzu esklussiv ta’ xi hadd minnhom u jghid ukoll  li l-akkuzat ma kellux l-awtorizzazzjoni u permess skond il-ligi biex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Avukat Generali – ghalkemm b’mod mill-aktar konciz jekk mhux addirittura telegrafiku – elenka l-fatti li jikkostitwixxu r-reat .

Konsegwentement fil-fehma ta’ din il-Qorti l-fattispecji partikolari tat-tielet kap , gew traccati , sia pure fil-qosor , izda b’ mod car mill-Avukat Generali b’ mod li ma jhallu ebda dubju ghall-liema reat l-akkuzat qed ikollu jirrispondi w dawn il-fatti succinti jinkwadraw ruhom fir-reat imsemmi fil-parti akkuzatorja tal-istess kap u li hemm in-ness bejn il-fatti esposti w r-reat li l-Avukat Generali qed jakkuza lill-Norman Bezzina bih. Ghalhekk il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istesura tat-tielet kap tal-att tal-akkuza , ma jmurx kontra d-dispositiv tal-artikoli 589 (c) u ma jaqax taht il-kaz kontemplat fil-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 449 (5) .

Illi jekk umbaghad l-eccezzjoni tal-akkuzat tista’ b’ xi mod tiftiehem li dak li hemm allegat fit-tielet kap tal-att tal-

akkuza hu kontradett jew jikkozza ma dak li jintqal f' xi kap iehor tal-att tal-akkuza , dan ukoll ma jwassalx per se ghan-nullita' tal-istess kap. Dan ghaliex , kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha gja citata fil-kawza "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et.**":-
"…*jekk verament hemm kontradittorjeta' bejn il-fatti esposti fit-tieni kap u dawk esposti fit-tielet kap tal Att ta' Akkuza , is-soluzzjoni ma hix id-dikjarazzjoni tan-nullita' ta' wiehed minnhom…."*

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u tiddifferixxi il-kawza "sine die" sakemm ikun maghruf  l-ezitu ta' xi appell eventwali u, f'kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex il-kawza tigi appuntata ghas-smiegh bil-guri skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------